# POËTA ŻAGĦŻUGĦ MINSI

# ĠANNI GRIMA

Mhux għax kiteb ħwejjeġ kbar jew għax b'dak li kiteb laħaq l-għoljiet dawlija tal-poëżija tajnieh l-isem ta' poëta, iżda għax fil-kitba tiegħu wera qawwa u ħila li jimxi aktar il-quddiem u jitla' aktar fil-għoli, kieku l-mewt ma ħatfitux ħesrem ta' 29 sena.

Ġanni Grima mhux minn dejjem kien jaqbel magħna fil kitba tal-Malti. Minn għalih il-Malti għandu jinkiteb kif jitkellmuh *in-nies tal-ibliet*, minngħajr dak il-ħafna kliem li jgħiduh fir-rħula biss. Iżda, meta qara l-kotba ta' A. PRECA u ta' A.E. CARUANA u meta f'Port Sajd tgħallem il-Għarbi u ra kemm jixbaħ lill-Malti, biddel għal kollox fehimtu li saħansitra ġried jikteb mill-ġdid u b'għamla aktar Maltija dak li kien kiteb qabel. Ma' dil-fehma ġdida tnisslet ġo qalbu mħabba l-aktar kbira lejn il-lsien Malti, li hu xtaq jerfgħu mit-trab, igħollih kemm jista' u jiġbed lejh qlub kulħadd, Maltin u barranin. Miet Port Sajd fi Frar 1920, ħdax-il-xahar wara li kien wasal hemm.

G. Grima kiteb il-poëżiji: *Bejn sema u ilma*; *Aperire terram gentibus* (lil Lesseps, l-inġinier li fetaħ il-Kanal tas-Swejz); *Lill-imbiegħda Malta tiegħi.* Qaleb mill-Ingliż il-*Parisina* ta' Byron, poëżija ta' 550 vers. Kiteb ukoll dramm f'ħames atti. Il-*Parisina* kienet ippublikata fi *Il-Qari Malti* ta' Port Sajd (Ott. 1928-Frar 1929) (1)

Sa nġib hawn il-poëżija *Lill-imbiegħda Malta tiegħi*:

Inħobbok, Malta, nħobbok,
U minnek issa mbiegħed
Aktar inħossni qiegħed
Inħobbok ferm insir.
Ħallejtek b'qalb maqsuma.
Għax fik ma stajtx nithenna,
Iżda issa nagħmlek ġenna
U lejk nixtieqni ntir.

1. Niżżi ħajr bil-qalb lis-Sur Nin Sajd ta' Port Sajd li tâni dawn l-aħbarijiet.

Imbiegħed minnek Malta,
Kemm hi ħelwa t-tifkira
Minn tiegħek, ċkejkna gżira
Ħelw'omm ta' veri wlied.
Meta ngħarrex fix-xefaq,
Għalxejn biex lilek nara
Inħoss li dik il-ħrara
Għabet win-niket żdied.

Tifkira li l-moħħ tgħajjex,
Tifkira ħelwa w sbejħa
Li ġġib fil-moħħ is-sejħa
Minn tal-warrani l-ħsieb
Għal ismek biss kull Malti,
Li minnek issa mbiegħed,
Jixtieq mas-smigħ li qiegħed
Ġo tiegħek biss il-bwieb

Omm ħelwa li ġġib ħasra
Xortik tas-sew ħażina,
Minn wardet l-art, miskina !
Int sfajt tan-niket wied
B'dan kollu l-ħsara tkattar
Il-ħlewwa tat-tifkira
Minn tiegħek, ċkejkna gżira,
Ħelw'omm ta' veri wlied.

Ħelw'omm tal-akbar sabar
Ġarrabt int kull tbatija :
Xortik l-iċken tgawdija
Marret ċaħdet f'kull żmien
F'xitwa bla tmiem tistenna
Forsi qiegħda r-rebbiegħa ?
Fil-qrib, iva itma s-siegħa
Minn tiegħek il-ħelsien. (1)

1. Ma nafux liema "ħasra" u liema "xorti ħażina" ra fil-gżira tagħna, u l-għala jgħidilha "mċaħħda minn kull tgawdija" u li "ġarrbet kull tbatija". [N. tad. D.